KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 72

It-Tnejn u sebgħin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar l-Erbgħa 21 ta' Frar 2024 fis-6pm ġo sala ġewwa Pjazzetta, Triq Għar il-Lembi Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi Sindku |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier (online) |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier (online) |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Anthony Galea | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Vivienne Galea Pace | Kunsilliera |
| | Illona Fenech | Kunsilliera |

ASSENTI **B'APPOLOGIJA**
**(Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

| | | |
|---|---|---|
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Pierre P Portelli | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistent Uffiċċjali Prinċipali |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Aġenda fis-6:20pm:*

72.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
72.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 71;
72.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
72.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:
72.5 Rapporti;
72.6 Approvazzjoni ta' Leave mis-sena 2023
72.7 Approvazzjoni ta' *Financial Statements* 2023
72.8 Items Oħra;
72.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;
72.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
72.11 Mozzjonijiet;
72.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

## 72.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

72.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma rċieva l-ebda ittra ta' apoloġiji mingħand il-kunsilliera.

## 72.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 71

72.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti tal-laqgħa 71 għall-approvazzjoni. *Approvazzjoni ta' Minuti nr. 71*

**Il-Kunsillier T Galea ippropona l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif korretti u kien s-sekondat mill-kunsillier E Borg. Kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera preżenti.**

72.2.2 71.7 'zebra crossing, fi triq il-kulleġġ' is-Sindku qal li qed jiċċekkja l-permessi mat-TM għal dan ix-xogħol li min għalih, diġà hemm applikazzjoni mat-TM biex dan ix-xogħol isir. Qal jekk jinstab dan il-permess, allura la jitlesta x-xogħol li għaddej fi Triq il-Kbira, li huwa għaddej skont il-programm, jinbeda l-proġett taz-zebra crossing fl-imsemmija triq.

71.8.3 Is-Sindku qal li l-kunsill kellu taħditiet mal-MPT u TM sabiex tinbidel ir-rotta tax-xarabank li kienet qed isservi ż-żona ta' Triq Dingli. Dan sabiex ir-rotta msemmija tkun qed taġevola dawk ir-residenti li kienu jaqbdu x-xarabank min din iż-żona.

71.8.11 Is-Sindku spjega li l-kunsill agħmel kuntatt ma l-Enemalta u ukoll mal-kuntrattur tad-dawl/bozoz tal-kunsill u qal li mhux ser ikun hemm problema sabiex jitwaħħal id-dawl tan-niċeċ li sar restawr fuqhom.

*Il-laqgħa ġiet sospiża sabiex issir preżentazzjoni mill-accountants tal-Kunsill dwar l-financial statements tas-sena 2023.*

**Il-Kunsillier E. Borg ippropona li l-financial statements jiġi approvat, l-Kunsillier T. Galea issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-kunsilliera preżenti.**

Il-laqgħa tkompliet fis-7:30pm

**Il-Kunsillier D Muscat kellu jitlgħaq mill-laqgħa ħabba raġunijiet ta' xogħol.**

## 72.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**Il-kunsillier W. Baldacchino ħareġ mill-laqgħa fit-7:45pm u daħal fit-7:50pm**

72.3.1 S-Sindku qal li rċieva n-nomina tas-Sinjura Jacqueline Higgans mill-partit nazzjonalista sabiex tieħu post l-ex kunsillier Pierre P Portelli li kien irriżenja f'Ottubru 2023 mill-kariga ta' kunsillier. Is-Sindku ressaq din in-nomina għall-approvazzjoni mill-kunsill. *Nominazzjoni kunsilliera ġdida*

Il-kunsill qabel unanimament li s-Sinjura Jacqueline Higgans tkun tista' tieħu l-ġurament bħala kunsilliera l-ġdida skont il-proċeduri tad-dipartiment tal-Gvern Lokali u l-Kummissjoni Elettorali.

72.3.2 Is-Sindku qal li hu u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mas-CEO u rappreżentanti oħra tal-WSC, fejn tkellmu dwar ix-xogħol li għandu jsir fuq il-funtani li bħalissa ma jaħdmux madwar il-lokalita' *Laqgħa mal-WSC*

72.3.3 Is-Sindku qal li hu u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mas-CEO u rappreżentanti oħra ta' Infrastructure Malta fejn ġie diskuss: *Laqgħa mal-IM*

1. IM > Proġett Triq Il-Kbira, biex titwessa' bankina quddiem il-Kappella Stella Maris, biex tinkludi, kurduna tal-qawwi.
> KLS jordna madum għall-wiċċ tal-bankina quddiem il-kappella tal-Madonna tal-Grazzja fl-imsemmija triq.
> KLS se jordna u jinstalla' l-uplighters mal-faċċata tal-kappella
2. Tiżdid zebra crossing ġdida quddiem Dar Fatima bħala parti mill-marki tat-toroq tal-Proġett ta' Triq il-Kbira.
> KLS biex tibgħat l-approvazzjoni TM (din intbagħtet)

L-IM ikkonfermaw ukoll li ser jirranġaw dawn it-toroq, bankini u servizzi minn Ottubru li ġej:

TRIQ TIGNE
TRIQ SIR ADRIAN DINGLI
TRIQ IL-KARMNU
TRIQ DUN KARM PSAILA
TRIQ HOWARD
TRIQ KARM GALEA
TRIQ WINDSOR
JUNCTION - DINGLI RD, WINDSOR RD, GEORGE BORG

*Maratona ta' Malta*

72.3.4 Is-Sindku qal li kien iddispjaċut li ma kienx hemm kommunikazzjoni ċara bejn l-entitajiet responsabbli tal-Maratona ta' Malta u l-kunsill lokali. Is-Sindku kompla qal li l-kunsill inżamm fid-dlam dwar il-pjan ta' maniġġjar tat-traffiku.

Il-kunsillier P Radmilli qal li l-kunsill għandu joħroġ stqarrija li tispjega fid-dettal li l-kunsill lokali ma ġiex ikkonsultat dwar il-pjan ta' maniġġjar tat-traffiku. Il-kunsillier P Radmilli qal ukoll li fl-istqarrija għall-istampa l-kunsill għandu jikkwota (Kap.363, 33.E) '*Funzjonijiet tal-Kunsilli Lokali, Proċeduri u Laqgħat*'

**Kien hemm qbil unanimu dwar dan mill-kunsilliera preżenti sabiex tinħareġ l-istqarrija.**

---

## 72.4 TWEGIBIET GHALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

72.4.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal ma rċieva l-ebda mistoqsija qabel il-laqgħa.

## 72.5 RAPPORTI

72.5.1 Ġew ippreżentati r-rapporti mill-*contracts manager* għax-xogħolijiet li saru minn Jannar sax-xahar ta' Frar. *Contracts manager*

## 72.6 APPROVAZZJONI TA' LEAVE MIS-SENA 2023

72.6.1 Ġew ippreżentati l-leave ta' l-impjegati tal-kunsill mis-sena 2023 għall-approvazzjoni tal-kunsill. *Approvazzjoni tal-leave 2023*

**Il-kunsilliera preżenti approvaw dan il-leave unanimament.**

## 72.7 APPROVAZZJONI TA' *FINANCIAL STATEMENTS* 2023

72.7.1 Il-kunsilliera preżenti approvaw dan il-*financial statements* tas-sena 2023 unanimament aktar kmieni f'din is-seduta. *Approvazzjoni financial statements*

## 72.8 ITEMS OĦRA

72.8.1 Il-kunsilliera I Fenech qalet li kienet inkarigata minn nominazzjonijiet għall-attivita' li kien qed torganizza l-mara tal-PM biex jiġu ppremjati nisa li taw kontribut fil-lokalita'. Qalet li l-kunsill irċieva n-nomina tas-Sinjura Astrid Vella. Il-kunsilliera kompliet, li skont ir-regolamenti ta' dan il-premju, l-kunsill kellu jara li jaqbel jew li ma jaqbilx ma din in-nomina li ġiet minn numru ta' residenti, għalhekk hi saqsiet jekk kien hemm qbil li s-Sinjura Astrid Vella tirċievi dan il-premju nhar it-8 ta' Marzu. *Nominazzjonijiet jum il-mara*

**Kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera preżenti.**

72.8.2 Il-kunsilliera V. Galea Pace, qalet li fi Triq Hughes Hallet kien hemm ħafna trab u żrar ma l-art, u saqsiet biex dan jiġi mnaddaf.

72.8.3 Il-kunsillier J. B Dougall qal li hemm numru ta' toroq li suppost qed jiġu mnaddfa mill-kuntrattur tal-knis, mhux qed isiru skont il-programm tax-xogħol ta' l-imsemmi kuntrattur.

72.8.4 Is-Sindku ir-rimarka li l-kunsillier J. B. Dougall għandu żona wiesa' tan-naħa ta' Tigne' li jaqa' taħt ir-responsabbilta' tiegħu sabiex jara li l-knis qed isir. Qal ukoll li dawn it-tip ta' suġġerimenti jew ilmenti m'għandhomx għalfejn jiġu diskussi waqt il-laqgħa tal-kunsill, iżda jistgħu jiġu m'għoddijja direttament lill-impjegati tal-kunsill, sabiex tittieħed azzjoni immedjata fuqhom.

72.8.5 Il-kunsillier J. B Dougall qal li hemm bżonn isir iktar infurzar rigward *it-tables & chairs*

72.8.6 Il-Viċi Sindku qal dalwaqt ser ikollu jidher quddiem il-qorti tal-kriminal fuq ir-rapport li kien għamel fiż-żmien il-Milied, meta allegatament kien ħebb għalih wieħed mill-impjegati tal-kuntrattur tal-ġbir ta' l-iskart. Il-kunsill qabel li l-ispejjeż ta' l-avukat u dawk tal-Qorti jiġu mħallsa mill-kunsill.

72.9 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

Rapport mill-kumitat tal-Finanzi:

72.9.1 Il-kunsillier T. Galea, bħala ċ-chairman ta' dan il-kumitat qara l-minuti tat-tieni laqgħa u ressaqhom għall-approvazzjoni tal-kunsill. *Kumitat tal-finanzi*

Il-Kunsillier T. Galea ressaq ukoll skema tad-DLG (SPI/SCI/05/2024) Fondi għall-Attivitajiet Kulturali fil-Lokalita' għall-approvazzjoni tal-kunsill. Din is-sena l-kumitat tal-Finanzi ddeċieda li l-fondi ta' din l-iskema mmorru kollha għas-Sliema Arts Festival.

Il-minuti u ġew unanimament approvati mill-kunsilliera preżenti.

72.9.2 Il-kunsillier P Radmilli qal li l-kunsill kien ħa deċiżjoni li qabel ma joħroġ tender, jappunta l-bord ta' aġġudikazzjoni u l-istess bord qabel ma joħroġ it-tender jingħata kopja tat-tender, ħalli jekk ikun hemm xi kummenti minn naħa tal-bord, dawn ikunu jistgħu jagħtu l-kummenti fuqhom. Żied jgħid li jekk it-tender tar-riġenerazzjoni tat-Triq Howard ma Dingli (ħdejn it-Teatru Salesjan) ikun lest allura l-kunsill jista' jaħtar il-bord. *Tenders*

**Kien hemm qbil mill-kunsill li r-rappreżentanti tal-kunsill għal dan it-tender ser ikunu: Il-Viċi Sindku A. Debono u l-kunsillier P Radmilli.**

72.9.3 Il-kunsillier P Radmilli issuġġerixxa biex issir laqgħa sabiex jiġi spjegat il-proċedura ta' kif nitolbu l-flus tad-DPF. Kompla jgħid li, huwa tajjeb li min qed jaħdem fuq dawn it-tip ta' proġetti jkollu idea aħjar ta' kif ikun il-proċess. *Taħriġ DPF*

72.9.4 L-Aġent Seg. Eżek. spjega li dalwaqt ser toħroġ sejħa fuq il-midja soċjali għall-artisti li jixtiequ jaħdmu fuq l-abbozz il-ġdid tal-monument ta' l-atturi Slimiżi. *Monument Triq Bisazza*

Il-kunsill qabel li l-atturi li diġa' huma rappreżentati fil-monument li inkiser fi triq Bisazza u magħhom jiżdiedu żewġ atturi oħra:

Charles Clews
Victor Apap
Ġemma Portelli
Lino Grech
Mary Rose Bonello

72.9.5 L-Aġent Seg. Eżek spjega li kienu saru żewġ *surveys* f'żewġ żoni f'tas-Sliema għat-tiswijja ta' bankini u sabiex tiżdied l-aċċessibbilta'. *Bankini biex jitranġaw*

Kompla jispjega li peress li f'waħda minn dawn iż-żoni, li tiġi fin-naħa tal-parroċċa ta' Stella Maris, bħalissa għadu għaddej il-proġett ta' l-IM, allura ma jkunx għaqli li isir xogħol ta' manutenzjoni jew bini mill-ġdid ta' bankini. Allura ġie propost li isir xogħol fuq sitt toroq (bankini ġodda) imsemmijja hawn taħt sa qabel l-elezzjoni tat-8 ta' Ġunju:

1. Triq Ġafar
2. Triq Falzon (naħa tax-xellug)
3. Triq Luzju
4. Triq Nazzarenu
5. Triq San Franġisk (bejn Triq Sant Elena u Triq Blanche Huber)
6. Triq Blanche Huber (bejn Triq il-Qasira u Triq Nicolo' Isouard)
7. Triq Pace
8. Triq it-Torri (bejn Triq Sir G Borg u Triq Dingli)

**Kien hemm qbil unanimu dwar dan**

72.9.6 Il-kunsillier P Radmilli qal li meta saret it-tender għas-survey tat-toroq, peress li hu kien involut fil-proċess, qal li skond it-tender il-perit li ħadem fuq is-survey kien inkarigat ukoll li jaħdem fuq it-tfassil tat-tender għax-xogħlijiet li jridu jitwettqu u kif ukoll li japplika għad-DPF sabiex il-kunsill kemm jista' jkun ma joħroġ fondi minn tiegħu. *Survey tal-bankini*

Il-kunsillier P Radmilli kompla jgħid li bħala proposta, peress li l-kunsill diġà qabbad lil perit sabiex jagħmel survey ta' żewġ żoni li jinkludi l-ispeċifikazzjonijiet ukoll, ikun għaqli li l-istess perit jintalab japplika għad-DPF għal dawk iż-żewġ żoni li huma lesti u li jikkonkludi t-tender għax-xogħlijiet ta' dawn iż-żewġ żoni. Dan għaliex, kompla l-kunsillier, li fl-applikazzjoni għad-DPF, il-PA idumu ftit biex japprovaw, allura jkun jagħmel sens li japplika għad-DPF minn issa.

**Il-kunsill qabel unanimament ma din il-proposta.**

Is-Sindku qal ukoll li l-kunsill ħa wkoll fondi ta' EUR87,000 mill-iskema ta' l-SPI tad-DLG.

**Kien hemm qbil li l-laqgħa titkompla mid-9:30pm, peress li għaddew it-tlett siegħat**

72.9.7 Il-kunsillier T. Galea qal li l-kumitat tal-finanzi ddiskuta skema għall-għaqdiet non-governattivi ta' tas-Sliema fejn dawn ikunu jistaw japplikaw biex jorgannizaw attivitajiet relatati mal-kultura, sport u l-inkluzzjoni tal-kommunita' Slimiża. Qed jiġi propost li l-fond għal din l-iskema tkun ta' EUR50,000, fejn EUR35,000 ser jinġabru mir-reklamar ta' l-istreet furniture u l-EUR20,000 ser joħorġu direttament mill-kunsill lokali. *Skema fondi għaqdiet Slimiżi*

Kull għaqda tkun tista' tapplika għal massimu ta' attivita' ta' mhux iktar minn EUR5,000 f'sena. Il-kunsillier T. Galea, ressaq din l-iskema għall-approvazzjoni tal-kunsill.

Kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera preżenti, bil-patt u kundizzjoni li l-kumitat tal-finanzi l-ewwel jippreżenta t-termini u kundizzjonijiet sabiex ikunu jistgħu japplikaw għal din l-iskema. Fost dawn il-kundizzjonijiet intqal li l-organizazzjonijiet non-governattivi iridu jkollom l-indirizz tagħhom ġewwa tas-Sliema.

## 72.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

72.10.1 Ġiet imressqa l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-kunsill

*Approvazzjoni tal-pagamenti*

Il-Viċi Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.
Il-kunsillier D Soler issekonda.

**Kien hemm qbil fost il-kunsilliera preżenti.**

## 72.11 MOZZJONIJIET

72.11.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

## 72.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

72.12.2 Is-seduta ntemmet fil-10:40pm.
Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar il-20 ta' Marzu, 2024, fis-6pm.

Minuti approvati llum 20 ta' Marzu 2024

(IFFIRMATA)

**John Pillow**

**Sindku**

(IFFIRMATA)

**Pierre P Portelli**

**Aġent Segretarju Eżekuttiv**